**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 505/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**vs**
**John Saliba**

**Illum 11 t'Ottubru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

John Saliba ta' 42 sena, detentur tal-karta ta' l-identita' 85374(M).

1. Akkuzat talli nhar l-24 ta' Jannar, 2014, u b'digriet tas-27 ta' Marzu, 2017 il-Qorti awtorizzat li jizdiedu l-kliem "u fil-granet ta' wara" ikkommetta serq ta' vettura Escort bin-numru ta' registrazzjoni YBT 600 ghad-dannu ta' Casey Anthony Vella u jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disghin Ewro u 24 centezmu (Euro 2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat, bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament ikkaguna xi hsara jew hsarat jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' ghamel hsara fuq il-vettura YBT 600 ghad-dannu ta' Casey Anthony Vella u jew persuni ohra liema hsara teccedi izjed minn elfejn u hames mitt euro (2500), art 325 Kap 9.

3. U aktar talli gewwa dawn il-gzejjer xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom. Art 334 Kap 9.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 20 t'Ottubru, 2016.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali ta' l-imputat, current incident report datat 24 ta' Jannar, 2014 immarkat bhala Dok AM1, kopja ta' process verbal immarkat bhala Dok AM2, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok AM3, stqarrija datata 28 ta' Ottubru, 2015 immarkata bhala Dok AM4, stqarrija datata 28 ta' Ottubru, 2015 immarkata bhala Dok AM5, process verbal immarkat bhala Dok NC1, SVS Inspection of vehicles immarkata bhala Dok GF2, SVS Inspection of vehicles immarkata bhala Dok GF3, SVS Inspection of vehicles immarkata bhala Dok GF4, certifikat mediku mmarkat datat 30 t'Ottubru, 2014.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 4 t'Ottubru, 2017[1] fejn hija dehrilha li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

Fil-konfront ta' l-imputat:

(1) Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 261(b), 261(c), 263(a), 264, 265, 266, 267, 278, 279(b), 280 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta' Novembru, 2017[2], l-imputat John Saliba, iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

[1] Fol 91 tal-process

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Spettur Arthur Mercieca, Casey Anthony Vella, PS 1602 Marco Mifsud, Maggur 1460 George Farrugia, Emanuel Caruana, John Martin, Michael Camilleri, Carmelo Vella, l-ex Spettur Carlo Fabri.

L-Ispettur Arthur Mercieca xehed illi dakinhar tal-incident, l-Ghassa taz-Zejtun irceviet rapport minn Casey Anthony Vella li kienet insterqitlu vettura Escort Mark 1 li tintuza ghat-tlielaq minn go basement garage li tiswa madwar €50,000. Il-Pulizija sussegwentement irceviet informazzjoni kunfidenzjali li kien John Saliba miz-Zejtun li seraq din il-vettura. Ghalhekk l-Ispettur Arthur Mercieca ghall-ewwel bghat xi pulizija tieghu biex jaghmlu spezzjoni fil-garaxx ta' John Saliba fejn fil-fatt instabet il-vettura misruqa, umbghad nizel hu fejn informa lill-John Saliba li kien taht arrest u nghata s-solita twissija. Fiz-zewg stqarrijiet li ttiehdulu, John Saliba jghid li xtara l-Escort minn certu Pietru l-Haqqa miz-Zejtun u meta l-Pulizija rrinfaccjatu bil-fatt li biegh xi parts lil terzi persuni, John Saliba nnega. Pero' John Saliba ammetta li l-magna li qala' mill-Escort misruqa kienet ta' Casey Vella u tefaghha f'Escort tieghu personali.

Casey Anthony Vella jghid li kellu l-karozza tieghu gewwa basement garaxx fiz-Zejtun u meta mar jiftah il-garaxx, sabha misruqa u ghalhekk mar l-Ghassa taz-Zejtun biex jaghmel rapport. Sussegwentement, Casey Vella ircieva telefonata mill-Pulizija li nstabet il-vettura tieghu kollha zarmata izda kellha l-affarijiet tieghu mwahhlin fuq vettura ohra. Inoltre jghid li John Saliba ta l-vettura tieghu fejn kien wahhal il-parts tal-karozza ta' Casey Vella bhala rizarciment.

PS 1602 Marco Mifsud jghid li Casey Vella kien ghamel rapport mieghu l-Ghassa taz-Zejtun ghax xi hadd kien seraqlu l-vettura Escort Mark 1 bin-numru tar-registrazzjoni YET 600.

Maggur 1460 George Farrugia kellu jaghmel spezzjoni gewwa garaxx iz-Zejtun fejn sab vettura tal-marka Ford Escort zarmata minn kollox. Sahansitra anke fejn suppost kellu c-chassis number, ma kien hemm xejn. Fl-istess gurnata ghamel spezzjoni fuq vettura Ford Escort li kienet armata minn kollox.

---

[2] Fol 95 tal-process

Emanuel Caruana jghid li meta hareg il-vettura tieghu mill-garaxx tieghu, innota li kien hemm garaxx miftuh izda ma tahiex daqshekk importanza u baqa' sejjer. Kif rega' gie bil-karozza sabiex jipparkjaha fil-garaxx tieghu, il-garaxx l-iehor kien ghadu miftuh u kellu jghaddi minn quddiemu biex imur ghal garaxx tieghu fejn hemmhekk sab li f'dak il-garaxx ma kien hemm xejn. Emanuel Caruana prova jbexxaq il-bieb biex ma jolqotx l-istess bieb tal-garaxx bil-karozza tieghu u nnota li l-garaxx ma kellhiex serratura. B'hekk cempel in-numru li kien hemm imnizzel fuq il-garaxx sabiex jinforma lis-sid tal-garaxx li wisq probabbli dak il-garaxx gie sgassat.

John Martin jghid li biegh karozza Escort bla magna lill-John Saliba. Jghid li l-vettura ta' Casey Vella kienet ingabet ghandu sabiex iduru dawra mal-magna u jergghu igibu qisha gdida. Jikkonferma li kien Casey Vella li ha l-Escort mill-garaxx tieghu.

Michael Camilleri jghid li kellu garaxx li kien se jbieghu lil certu Salvu Bonnici izda kuntratt bejniethom kien ghadu ma sarx u nel frattemp, Salvu Bonnici beda jikrieh lit-tifel ta' certu Charles Vella.

Carmelo Vella jigi missier Casey Vella jghid li kien xtara garaxx iz-Zejtun minghand certu Michael Camilleri, fejn it-tifel Casey Vella kien izomm l-Escort tieghu. Izid jghid li kien ircieva telefonata li xi hadd kien seraq din il-vettura mill-garaxx tieghu.

L-Ex Spettur Carol Fabri tghid li hi kienet Spettur stazzjonata l-Ghassa Birzebbugia izda kienet qed tkopri wkoll iz-Zejtun. Is-surgent 1602 kien infurmaha li kienet insterqet vettura minn gewwa garaxx iz-Zejtun fejn l-Ispettur sussegwentement infurmat lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Francesco Depasquale. L-Ispettur Fabri nfurmat lill-control room sabiex jaghmlu call alert fuq din il-vettura sabiex jigu nfurmati mill-ewwel jekk tinstab.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat qieghed jigi akkuzat b'serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2390.24), bil-mezz u bix-xorta

tal-haga misruqa, kif ukoll qed jigi akkuzat talli volontarjament ikkaguna xi hsara fuq il-vettura YBT 600 ghad-dannu ta' Casey Vella liema hsara teccedi l-ammont ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500) u talli xjentament laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom.

Il-Qorti evalwat sew ix-xhieda li nghatat lilha kif ukoll ezaminat il-process verbal li gie ipprezentat f'din il-kawza li kien parti mill-inkjesta. Il-Qorti rat iz-zewg stqarrijiet ta' l-imputat it-tnejn li huma datati 28 ta' Ottubru 2015 meta l-imputat jistqarr kif akkwista din il-vettura, huwa ammetta mal-Pulizija li xtara l-vettura minghand Pietru l-Haqqa ghall-valur ta' €1200 u kif ra l-magna taghha mill-ewwel induna li kienet ta' Casey Vella, b'mod in partikolari l-Qorti tikkowta dan li jinsab a fol 27 tal-process, *"Iva jien minghand Pietru gibtu. Ghal ewwel ma kontx ser nixtrieh ghax xorta bdejt nibza' li misruq u wara xi jumejn rega' gie u kull ma tajtu elf ewro u ma kienx ser jaghtijuli imbaghad offrejtlu Ewro 1200 u taghhuli. Mistoqsi rigward x'kien fih aktar mieghu nispjega illi l-body, il-bonnet u bagoll, id-differagtion u l-mollol, il-magna u l-ecu taghha. Jien cert li ma kellux aktar minn hekk affarijiet bhall steering, mollol, fanali xibka etc."*

Illi hawnhekk il-Qorti diga' ghandha ammissjoni min-naha ta' l-imputat ghal dak li jirrigwarda it-tielet akkuza ta' ricettazzjoni. L-imputat jghid li kien jaf li l-vettura li laqgha ghandu kienet misruqa u dan peress li kien midhla ta' Casey Vella u kien midhla tal-vettura tieghu stante li kien wiehed mill-ftit persuni li kien jaf li din kienet qeghda fil-garaxx fejn kien qeghda meta nsterqet. Jghid ukoll pero' li meta xtraha kienet diga' zarmata minn xi oggetti.

Ghar-rigward ir-ricetazzjoni l-Qorti se taghmel referenza ghall-kawza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 15 ta' Jannar 2009, **Il-Pulizija vs Darren Debono,**

*"Illi skond il-gurisprudenza sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*

*1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*

*2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*

*3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima"[25.10.2002])*

*L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-*

*"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

*Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f'pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Briguglio" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. John Dimech" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. George Tabone" [24.6.1961] u "Il-Pulizija vs. Tancred Borg" [26.10.1998]).*

*S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo" [21.3.1953]; "Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb" [16.12.1998] u ohrajn)*

*Kif jghid il-KENNY:*

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. when an unlikely vendor offers them for an unlikely price. His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously or making no written entry of having bought them."*

*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. DeGaetano J., fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tarreat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti. F'dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21- 126):-*

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f' dan is-sens :"Il-Pulizija vs. Carmel Debono" [1.11.1996], "Il-Pulizija vs Richard Spiteri" [31.8.2006] u ohrajn)."*

Illi in vista ta' dak hawn fuq indikat, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li r-reat ta' ricettazzjoni jissussisti.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza u cioe' tal-hsara, din ukoll giet ippruvata u dan peress li l-imputat fl-istqarrija tieghu jammetti wkoll li qala' l-magna tal-vettura u ghamilha fuq l-escort tieghu[3]. Madanakollu l-imputat jghid li din il-vettura huwa xtraha wara li diga' kellha xi oggetti zarmati minnha. Rigward dan il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ma temminx lill-imputat, u ghalhekk ma tistax tistabilixxi valur ta' l-oggett misruq inqas u inqas tista' tistabilixxi valur ta' kemm kienet il-hsara li hu ghamel fuq il-vettura misruqa, wara li qala l-magna minn go fiha.

Rigward l-ewwel akkuza ta' serq il-Qorti ma thossx li din giet ippruvata. Huwa minnu li hemm it-teorija tar-*recent possession* kif qed tghid il-prosekuzzjoni, madanakollu, l-Qorti ghandha f'idejha l-atti ta' l-inkjesta. Casey Vella kien iddikkjara mall-ewwel, anke ma' l-espert mahtur fl-inkjesta min huma l-ftit persuni li kienu jafu bil-vettura tieghu Ford Escort Mark 1 iswed li kien fil-garaxx in kwistjoni, u semmihom b'isimhom. Izda l-ewwel darba li l-pulizija kellmu lill-imputat ma kienx fiz-zmien tas-serqa[4] u cioe' f'Jannar tas-sena 2014, il-Qorti tifhem li ladarba id-derubat semma' min huma l-ftit persuni li kienu jafu bil-presenza tal-vettura, allura l-Pulizija kellhom jissoktaw bl-investigazzjonijiet taghhom u *se mai* ifittxu fil-propjeta' ta' John Saliba jew ta' l-inqas

[3] Li jirrizulta li l-istess escort propjeta' ta' l-imputat giet mghoddija lil Casey Vella biex jaghmel tajjeb ghall-escort misruq tieghu li spiccat fil-pussess ta' l-imputat.

[4] Meta semmih b'ishmu car u tond Casey Vella.

jibghatu ghalih. L-ewwel darba li l-Pulizija tkellem lil John Saliba kien f'Ottubru tas-sena 2015.

L-imputat fl-istqarrija tieghu jghid li xtara dan l-escort minghand Pietru l-Haqqa li ftit wara s-serqa kien miet. Hawnhekk in vista' ta' dak iddikjarat hawn fuq u t-trapass ta' zmien li ghadda mis-serqa sakemm il-Pulizija kellmet u bghatet ghal John Saliba, l-Qorti hawnhekk ukoll thoss li ghandha temmen lill-imputat.

Ghar-rigward il-piena, din hija intrinsikament marbuta mal-valur ta' l-oggett kemm ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni u kemm ghal dak li jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni. L-imputat jghid li xtara l-vettura ghall-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1500) u Casey Vella jghid li l-vettura tiswa madwar hamsa u tletin Elf (€35,000)/erbghin elf Ewro (€40,000). F'dan il-kaz kien ikun iktar ghaqli li kieku l-prosekuzzjoni hatret espert biex il-Qorti tigi diretta lejn il-valur reali tal-vettura u kemm kienu l-hsarat li saru fuq il-vettura sakemm damet fil-pussess ta' l-imputat. Certament il-Qorti wahedha ma tistax tasal ghal valur, il-Qorti taf per cert li l-magna tal-vettura nqalghet biex giet installata fil-vettura ta' l-imputat. Il-Qorti hija konfortata bil-valur ta' €1200, kemm qed jghid l-imputat ghaliex f'dubju bhal dan il-Qorti bil-fors trid tmur ghall-inqas valur, favur l-imputat, il-magna tal-karozza ghalhekk ma tiswiex iktar minn hekk.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat il-fedina penali ta' l-imputat u wara li rat li l-imputat ghandu jinstab hati tat-tieni (2) akkuza ghalkemm tar-reat inqas gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda kompriz u nvolut fl-akkuza kif imsemmija, u tat-tielet (3) akkuza li maghha qed torbot il-valur ta' (€1200), ma thossx li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva. Dan ukoll fid-dawl tal-fatt li l-imputat irrisarcixxa lid-derubat kif tikkonferma l-istess prosekuzzjoni. Il-Qorti thoss li l-imputat ghandu jinghata opportunita' sabiex jitghallem minn dan l-izball u ma jergax jirrepetih.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(b), 261(c), 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325(1) u 334 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni stante li mhux pruvata u ghaldaqstant tilliberah minnha, ssibu hati tat-tieni (2) imputazzjoni tar-reat inqas gravi ai termini ta' l-Artikolu 325(1)(b) kif kompriz u involut fl-akkuza u ssibu hati tat-tielet (3) imputazzjoni, tapplika fil-konfront tal-hati l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.**

**Tordna lill-hati ai termini ta' l-Artikolu 533, jhallas lir-Registratur tal-Qorti l-ammont ta' €695.84 u cioe' l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri inkluz dawk li gew mahtura fl-inkjesta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**